MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 248/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Debrincat**
**-- omissis --**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Debrincat u Reginald Vella talli, nhar it-18 ta' Frar 2007 ghall-habta ta' l-4.30 ta' filghodu fir-Rabat Ghawdex (**1**) Joseph Debrincat bhala l-persuna li fuq ismu ghandu l-licenzji tat-teatru Aurora mahruga mill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta, u Reginald Vella bhala l-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-XS Club li jaghmel parti mill-bini tal-Aurora daqqew jew ippermettew li tindaqq muzika amplifikata b'kull mezz fil-kors jew bhala parti minn attivita` kummercjali bejn 04:30 hrs u 09:00 hrs, u (**2**) naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet,

restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet li ghaliha hija soggetta l-licenzja billi daqqew jew ippermettew li tindaqq muzika wara l-04:00 hrs;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-12 ta' Gunju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet liz-zewg imputati hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannathom multa ta' hames mitt lira (Lm500) (issa Eur. 1164.68) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Debrincat, minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti bazici ma humiex in kontestazzjoni. Fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjonijiet kienet qed tindaqq muzika amplifikata (li kienet tista' tinstema' minn barra t-triq) fil-lokal in kwistjoni ferm wara l-hin li suppost din il-muzika kellha tieqaf. Meta xi ufficjali tal-Pulizija marru biex iwaqqfu din il-muzika sabu lis-*substitute* (Reginald Vella, li ma appellax) u dan irrifjuta li jwaqqaf il-muzika. Il-Pulizija ghalhekk ipprocediet kontra dana s-*substitute* kif ukoll kontra d-detentur tal-licenzja tal-post. Jirrizulta wkoll bhala fatt li, ghal ragunijiet amministrattivi, il-licenzja relattiva (mahruga mill-*Malta Tourism Authority*) ghas-sena 2007 thallset biss fil-25 ta' Lulju 2007, u ghall-periodu qabel din id-data – u allura anke fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni – kien hemm ftehim bejn kulhadd li kienet ghadha vigenti il-licenzja ghas-sena ta' 2006. Il-licenzja ghas-sena 2006 kinet issejjah lil Joseph Debrincat; mentri meta thallset (fil-25 ta' Lulju 2007) il-licenzja ghas-sena 2007, din issa harget fuq isem Joseph Apap (ara d-dokument JD7 ezibit mill-Avukat Dott. Joseph Grech fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007. Il-Qorti tippreciza, pero`, a skans ta' ekwivoci li l-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, f'ebda hin ma jikkontesta li huwa kien effettivament il-*licensee* fil-gurnata indikat fl-imputazzjoni.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati meta ma kienx fuq il-post – fejn kien hemm is-*substitute* Vella li kien effettivament responsabbli – peress li kien fl-impossibilita` fizika li jassigura osservanza tar-regolamenti. Ighid l-appellant li, galadarba l-lokal kien gie sullokat lil Vella – is-*substitute* – kien dana Vella biss li kien responsabbli ghal dak li kien qed jigri u ghall-osservanza tal-ligijiet in materja ta' hinijiet ecc. Skond l-appellant, inoltre, galadarba t-tieni imputazzjoni tipotizza delitt u mhux semplici kontravvenzjoni, wiehed ma setax jistrieh fuq il-principju ta' *strict liability* fil-konfront tieghu (u, ghall-anqas, fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni).

Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li dana l-aggravju huwa infondat. Licenzja bhal dik in kwistjoni tinhareg f'isem persuna <u>fizika</u> proprju biex dik il-persuna tidhol responsabbli ghall-osservanza tal-ligijiet kollha konnessi max-xoghol, negozju ecc. li ghalih tkun tirreferi dik l-istess licenzja. Dan jirrizulta car kemm mill-"General Conditions" li jidhru stampati fuq l-istess licenzja, kif ukoll mill-lokuzzjoni adoperata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409 – "Kull min <u>meta jkollu licenza</u>…"). Il-fatt li jkun hemm *substitute* (li, ghall-finijiet tal-*Wines and Spirits Regulations*, L.S. 10.09, huwa biss impjegat tal-*licensee*) b'ebda mod ma jezonera lill-*licensee* mill-obbligi tieghu. Huwa minnu li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet estremi fejn tkun tista' tigi invokata b'success id-difiza ta' l-impossibilita` (wiehed jista' jimmagina sitwazzjoni fejn, per ezempju, l-*licensee* ikun sekwestrat ghal periodu ta' zmien b'tali mod li anqas ma jkun jista' jgharraf lill-awtoritajiet li huwa m'ghandux jibqa' meqjus bhala *licensee*), pero` certament ma hix skuza valida dik tal-appellant li huwa fit-tmienja ta' filghaxija dejjem jingabar lejn id-dar u qatt ma jkun vicin il-lokal in kwistjoni fil-hinijiet indikati fl-imputazzjonijiet. U dan kollu japplika sia jekk l-infrazzjoni tal-kundizzjoni marbuta mal-licenzja tkun semplici kontravvenzjoni u sia jekk tkun ukoll delitt.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-fattispeci tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom bhala ksur ta' l-Artikolu

43(1)(b) tal-Kap. 409 izda se mai bhala nuqqas ta’ osservanza tar-Regolament 38(4) tal-A.L. 1 tal-2006 (Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc). Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Il-fatt li ir-restrizzjoni dwar il-hin tad-daqq ta’ muzika ma tohrogx mill-Kap. 409 huwa rrelevanti. L-Artikolu 43(1) tal-Kap. 409 jippenalizza bhala reat punibbli b’multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira (bil-possibilita` wkoll ta’ prigunerija) lil “Kull min, meta jkollu licenza, jonqos li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att **[**il-Kap. 409**]** <u>jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza</u>”. Kif jidher car miz-zewg kopji tal-licenzji ezibiti in atti – dik a fol. 9 quddiem l-ewwel qorti, u dik ezibita minn Dott. Joseph Grech fi stadju ta’ appell – wahda mill-“General Conditions” tghid car u tond: “(b) The licensee abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Authority, <u>as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta</u>” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Li jinghad aktar, ikun evidentement superfluwu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------